# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 7**

**Rikors numru 102/16/1 FDP**

**Joseph Degiorgio, Antonia Degiorgio, Carmen Degiorgio, Mario Degiorgio f'ismu u bħala mandatarju ta' Michael Degiorgio u b'digriet tat-23 ta' Mejju 2018 saret trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem Joseph, Antonia, Mario u Michael Degiorgio wara l-mewt tal-attriċi Carmen Degiorgio**

**v.**

**Awtorita` tal-Artijiet u Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol**

1. Din is-sentenza hi b'riferenza għar-rikors tal-appell tal-1 ta' Lulju 2020 li ppreżenta l-Ministeru tal-Edukazzjoni Xogħol, u r-rikors tal-appell ippreżentat fis-6 ta' Lulju 2020 mill-Awtorita` tal-Artijiet minn sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tas-16 ta' Ġunju 2020 li biha ddikjarat li tteħid ta' art tar-rikorrenti mill-1 ta' Lulju 1986 mingħajr ma ngħataw kumpens ġust u xieraq kif trid il-liġi jikser id-dritt fundamentali tagħhom skont l-Artikolu

1, Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea. L-ewwel Qorti kkundannat lill-konvenuti jħallsu lill-atturi s-somma ta' tnejn u tletin elf euro (€32,000) kumpens għal dik il-leżjoni, kif ukoll ikkonċediet terminu ta' ħames snin sabiex jipproponu l-kawża minn dakinhar tas-sentenza sabiex jipproċedu *ai termini* tal-Artikolu 55(3) tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573).

2. B'rikors preżentat fil-25 ta' Novembru 2016 l-atturi talbu lill-ewwel Qorti sabiex:

> *"Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*
>
> *i."tiddikjara u tiddeċiedi illi t-teħid tal-pussess tal-art tar-rikorrenti mingħajr ma huma ngħataw kumpens ġust u xieraq kif trid il-liġi huwa leżiv tad-drittijiet fondamentali tagħhom kif sanċiti fl-Artikolu 1, Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja;*
>
> *ii."tagħti rimedju xieraq u effettiv u dan kif hemm dispost fl-Artikolu 13 tal-istess Konvenzjoni, liema rimedju għandu jikkomprendi ordni lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss jibdew il-proċess ta' esproprju tal- istess art fabrikabbli b'xiri assolut u tordna li:*
>
> *1. "Il-prezz tal-art jkun l-prezz ta' art fabrikabbili viġenti fid-data ta' meta tintbagħat l-ittra uffiċjali skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *2. "Jitħallsu danni pekunjarji li jkopri danni ta' okkupazzjoni mill-mument li ttieħed il-pussess effettiv tal-art sa dakinhar tas-sentenza finali ta' din il- kawża;*
>
> *3. "Li flimkien mal-prezz tal-istess art l-esponenti jitħallsu interessi relattivi mid-data tas-sentenza finali f'din il-kawża sad-data ta' ħlas effettiv tal- prezz intier tal-art b'rata li tigi stabbilita minn din l-Onorabbili Qorti u mhux neċessarjament bir-rata u mekkaniżmu stabbilit mill-Kap 88;*
>
> *4. "Jitħallsu danni non-pekunjarji sabiex jagħmlu tajjeb għall-leżjoni sofferta liema danni non-pekunjarji għandhom ikunu punittivi, eżemplari u effettivi".*

3. Il-konvenuti wieġbu u kkontestaw it-talbiet tal-atturi. L-eċċezzjonijiet rilevanti għal din is-sentenza huma:

i. Awtorita` tal-Artijiet – li l-atturi kellhom fl-ewwel lok jeżawrixxu r-rimedji ordinarji; u ma seħħ l-ebda ksur tal-Artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

ii. Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol – li nbeda l-proċess għall-esproprijazzjoni tal-art u għalhekk mhemmx ksur tal-Artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

4. Bis-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2020 l-ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi:

> "***Tiċħad** l-eċċezzjonijet kollha tal-Awtorita' tal-Artijiet u l-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol.*
>
> "***Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti, u għalhekk;*
>
> "***Tiddikjara** illi t-teħid tal-pussess tal-art tar-rikorrenti mill-1 ta' Lulju 1986 mingħajr ma huma ngħataw kumpens ġust u xieraq kif trid il-liġi huwa leżiv tad-drittijiet fondamentali tagħhom kif sanċiti fl-Artikolu 1, Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja.*
>
> "***Tillikwida** l-kumpens dovut lir-rikorrenti għal tali leżjoni fis-somma ta' tnejn u tletin elf Euro (€32,000).*
>
> "***Tastjeni** milli tagħti kumpens għat-teħid tal-art mertu tal-kawża odjerna, stante illi dina ġiet likwidata mill-intimati permezz tad-Dikjarazzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet ippubblikata fit-12 ta' Jannar 2018 permezz ta' Avviz Nru 38 tas-sena 2018, filwaqt illi testendi t-terminu mogħti lir-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 55 (3) tal-Kap 573 għall-ħames snin mid-data tas-sentenza odjerna.*

"***Spejjeż*** *tal-proċeduri odjerni ikun a kariku tal-intimati in solidum bejniethom.* ***Imgħax*** *jiddekorri mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv".*

## Fatti.

5. Fis-sentenza appellata jissemmew il-fatti prinċipali:

*"20.Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi Anthony Degiorgio, missier ir-rikorrenti u raġel ta' Carmen Degiorgio, li l-atti tagħha sussegwentement ġew assunti mir-rikorrenti tfal tagħhom, kien akkwista 5/6 indiviż ta' porzjon art fabbrikabbli.*

*"21. Jirriżulta illi, sussegwentement, permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-George Bonello Dupuis tal-24 ta' Diċembru 1968, l-art kollha meritu tal-kawża odjerna, flimkien ma artijiet oħra, ġew assenjati fl-intier tagħhom, f'isem l-imsemmi Anthony Degiorgio.*

*"22. Jirriżulta illi l-art meritu tal-kawża odjerna, ossija porzjon art tal-kejl ta' 55 metru kwadru, kienet ittieħdet mill-Gvern u, kif dikjarat mill-Head Capital Projects tad- Dipartiment tal-Edukazzjoni f'ittra datata 18 ta' Ġunju 1997, "construction works on site commenced on 1st July 1986." (fol 40).*

*"23. Jirriżulta, għalhekk, mingħajr ebda dubju, illi fl-1 ta' Lulju 1986, il-pussess tal-art meritu tal-kawża odjerna ma baqgħetx f'idejn ir-rikorrenti, iżda ttieħdet mill-Gvern tal-ġurnata.*

*"24. Jirriżulta illi l-art meritu tal-kawża odjerna kienet tifforma parti minn art akbar meħuda mill-Gvern għall-iżvilupp ta' Skola ġewwa ż-Żejtun.*

*"25. Jirriżulta ukoll illi, l-art meritu tal-kawża odjerna, tifforma fit-triq illi hemm biswit l-iskola taż-Żejtun, u li kienet parti mill-iżvilupp illi sar mill-Gvern tal-ġurnata ta' tali skola.*

*"26. Jirriżulta illi, filwaqt illi l-parti l-kbira tal-art meħuda mir-rikorrent ġiet debitament esproprijata mill-Gvern, u inħarġet Dikjarazzjoni Presidenzjali għalihom, fil-każ tal-art meritu tal-każ odjern, ossija tal-kejl ta' 55 metru kwadru, dina qatt ma ġiet formalment esproprijata.*

*"27. Jirriżulta illi l-proċeduri odjerni ġew intavolati fil-25 ta' Novembru 2016, wara illi r-rikorrenti kienu interpellaw lill-intimati dwar tali art permezz ta' Ittra datata 2 ta' Novembru 2016 (fol 18).*

*"28.Jirriżulta illi kien biss fit-3 ta' Marzu 2017, wara illi kienu ġia' inbdew il-proċeduri odjerni, il-Ministeru tal-Edukazzjoni kiteb uffiċjalment lill-Kummissarju tal- Artijiet sabiex jitlob għall-espropriju tal-art meritu tal-kawża odjerna. (fol 54)*

*"29. Jirriżulta, finalment, illi fit-12 ta' Jannar 2018, ġiet ippubblikata Dikjarazzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet, permezz ta' Avviz Nru 38 tas-sena 2018, fil-Gazzetta tal-Gvern, fejn l-art meritu tal-kawża odjerna, ġiet espropprijata favur il-gvern u s-sidien tal-art, ossija r-rikorrenti, ġew offruti ħmistax-il elf Euro, għal tali art".*

<u>Konsiderazzjoni.</u>

6. Il-qorti l-ewwel ser tikkonsidra l-appell tal-Ministeru tal-Edukazzjoni.

7. L-ewwel aggravju hu li l-ewwel Qorti żbaljat meta sabet ksur tal-ewwel Artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Isostni li ma jistax isir paragun bejn dan il-każ u dak li ġara fis-sentenza **Igino Trapani Galea Feriol et v. Kummissarju tal-Artijiet et** deċiża mill-ewwel Qorti fit-18 ta' Ottubru 2013 u konfermata fl-appell fil-31 ta' Ottubru 2014, għal liema sentenza rreferiet l-ewwel Qorti, għaliex f'dak il-każ l-art ma ġietx espropprijata waqt il-kawża.

8. Hu minnu li fil-każ tal-lum fil-mori tal-kawża sar l-esproprju (ara avviż pubblikat fil-gazzetta tal-gvern tat-12 ta' Jannar 2018 a fol. 92). Madankollu dak il-fatt ma jgħinx id-difiża tal-konvenuti għaliex fil-perjodu bejn meta ttieħdet l-art u l-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' esproprju, għaddew xejn inqas minn tnejn u tletin (32) sena. Dak il-fatt fih innifsu

jwassal għall-ksur tal-jedd fundamentali li ovvjament dam għal snin twal (ara per eżempju sentenza ta' din il-Qorti, **Aldo Meli et v. Il-Kummissarju tal-Artijiet et** tas-27 ta' Mejju 2016).

9. Għalkemm l-appellant argumenta li kien hemm fatturi importanti għalfejn għadda dak iż-żmien kollu qabel sar l-esproprju, baqa' ma qalx x'inhuma. Argument ieħor hu li l-atturi ser ikunu qegħdin jirċievu kumpens ferm iktar għoli minn dak li kienu jirċievu kieku l-art ġiet esproprijata fl-1986. Pero` dak hu jedd tas-sidien ġialadarba l-art baqgħet proprjeta` tal-atturi filwaqt li l-Gvern baqa' passiv għal snin twal u għamel użu mill-art daqslikieku kienet tiegħu, meta ma kinitx. L-atturi għandhom kull jedd għall-awment fil-valur tas-sidien ġialadarba l-art ma ġietx esproprijata. Dan apparti li jidher li l-appellant qiegħed jinsa li l-kumpens f'dan il-każ ingħata proprju minħabba d-dewmien sakemm l-art ġiet esproprijata. Kumpens li hu non-pekunjarju. Għalhekk ukoll l-argument tal-appellant li l-atturi ma ġabux prova tat-telf reali li sofrew huma mingħajr bażi.

10. Il-fatt jibqa' li mhemmx kontestazzjoni li l-art kellha tiġi esproprijata, kif fil-fatt ġara ħafna snin wara li l-Gvern ħa pussess tagħha. Minħabba li għaddew dawk is-snin kollha sakemm l-art ġiet esproprijata f'Jannar 2018, l-atturi sofrew leżjoni tad-dritt fundamentali protett taħt l-Artikolu 1

tal-ewwel protokoll u għaldaqstant l-ewwel Qorti tathom rimedju li jikkonsisti fi ħlas ta' kumpens.

11. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju hu miċħud.

12. It-tieni aggravju hu dwar il-kumpens ta' €32,000 likwidat mill-ewwel Qorti. L-appellant isostni li dik is-somma mhijiex ġustifikata. Fis-sentenza l-ewwel Qorti qalet:

> *"75. Tenut kont tal-fatt illi ħareġ ċar li għal tnejn u tletin (32) sena sħaħ ir-rikorrenti kienu spussessati mill-proprjeta tagħhom mingħajr ebda kumpens, il-Qorti tqis illi l-kumpens li r-rikorrenti għandhom jingħataw tan-nuqqas lampanti tal-intimati fil-konfront tar-rikorrenti għandu jkun ta' tnejn u tletin elf Euro (€32,000), ekwivalenti għall-elf euro għal kull sena fejn id-drittijiet tar-rikorrenti ġew leżi".*

13. Din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li sempliċi dikjarazzjoni ta' ksur ma kinitx biżżejjed u l-ewwel Qorti għamlet sew li llikwidat kumpens. F'dan ir-rigward fis-sentenza **Schembri Barbros Limited v. Il-Kummissarju tal-Artijiet et** tas-27 ta' Ottubru 2017, din il-Qorti qalet:

> *"30. Din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li dewmien ta' 11-il sena sabiex inbeda l-esproprju fuq l-artijiet li l-istess intimati ma kkontestawx li ghandu jkun hemm kumpens, huwa tul ta' zmien twil hafna u li, konsidrat li matulu r-rikorrenti giet privata mit-tgawdija pacifika tal-proprjetà taghha minghajr l-ghoti ta' ebda kumpens, it-trapass ta' dak iz- zmien huwa vjolattiv tad-dritt fundamentali tal-proprjetà tar-rikorrenti.*
>
> *"31. B'zieda mal-premess, il-Qorti ma taqbilx li f'dan il-kaz dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni ta' dritt fundamentali huwa rimedju adegwat li wahdu jista' jaghmel tajjeb ghas-sens ta' frustrazzjoni subit mill- proprjetarja ta' dawk l-artijiet meta, minkejja li giet spossesata minnhom, il-proceduri sabiex jigi fissat il-kumpens kienu ghadhom ma ttiehdux.*

> *"Din il-Qorti tosserva wkoll li r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti huwa wiehed non-pekunjarju, jigifieri ghad-danni morali biss, filwaqt li l-mekkanizmu stabbilit fil-Kap. 88 sabiex jinghataw imghaxijiet ulterjuri ghad-dewmien huwa relevanti fil-komputazzjoni tad-danni pekunjarji"*.

14. F'dak il-każ l-ewwel Qorti kienet ordnat ħlas ta' €5,000 bħala ħlas ta' kumpens non-pekunjarju. Dan mhuwiex każ fejn il-ħlas għandu jkun wieħed pekunjarju, stante li s-sidien xorta ser jirċievu kumpens għall-esproprijazzjoni tal-art.

15. Il-*quantum* tal-kumpens hi kwistjoni oħra. Għall-finijiet ta' kumpens non-pekunjarju l-qorti tqis li hu rilevanti li:

i. Il-pussess ittieħed fl-1 ta' Lulju 1986 u kien fid-19 ta' Awwissu 1987 li daħal fis-seħħ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319).

ii. L-art ġiet esproprijata bl-avviż pubblikat fit-12 ta' Jannar 2018.

iii. Il-perit tekniku inkarigata mill-ewwel Qorti kkonfermat ir-rapport bil-ġurament fis-16 ta' Mejju 2017 u qalet li l-art fiha kejl ta' 55 metri kwadru, u tat stima ta' €25,700. Spjegat ukoll li minħabba l-pożizzjoni tagħha, l-art in kwistjoni ma setgħet qatt tiġi żviluppata.

iv. Ovvjament meta l-art ittieħdet il-valur tagħha kien ferm inqas. Il-valur tal-art żdied matul is-snin.

v. Fin-nota ta' sottomissjonijiet preżentata fis-6 ta' Novembru 2019, l-atturi talbu li jingħataw is-somma ta' €5,000 kull wieħed bħala danni non-pekunjarji (fol. 153). Fid-data tal-preżentata tal-kawża l-atturi kienu ħamsa.

16. Meta tikkonsidra dawk il-fatti, il-qorti hi tal-fehma li l-ilment tal-appellant hu ġustifikat fis-sens li l-kumpens non-pekunjarju hu eċċessiv. Għalhekk ser tnaqqas il-kumpens għas-somma ta' €15,000 li l-atturi għandhom jaqsmu bejniethom.

17. L-aħħar aggravju hu li l-ewwel Qorti żbaljat meta estendiet it-terminu stabbilit fl-Artikolu 55 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573). Skont dik id-dispożizzjoni:

> *"(1) Sid li jħoss li l-ammont li jkun ġie offrut fid-dikjarazzjoni ma jkunx wieħed xieraq, jista' jagħmel rikors quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ sabiex jiġi stabbilit xi jkun il-kumpens skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.*
>
> *".......*
>
> *"(3) Ir-rikors għandu jiġi ppreżentat sa mhux aktar tard minn ħames snin minn meta d-dikjarazzjoni miċ-Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet tiġi mxandra kif imsemmi fl-artikolu 39(1) u (2), b'dana li jekk tali rikors ma jitressaqx, is-sid ikollu jedd biss għall-flus depożitati u għall-imgħax imsemmija fl-artikolu 52"*.

18. Dik il-liġi daħlet fis-seħħ fil-25 ta' April 2017, ċioe` matul il-kawża.

19. Il-qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn l-ewwel Qorti estendiet it-terminu sabiex l-atturi jippreżentaw kawża fil-Bord tal-Arbitraġġ. Ma kien hemm xejn x'iżomm lill-atturi milli jippreżentaw dik il-kawża wara li l-Kap. 573 daħal fis-seħħ. Dan apparti li l-avviż tal-esproprju kien pubblikat fil-gazzetta tal-gvern fit-12 ta' Jannar 2018, li jfisser li t-terminu ta' ħames snin jagħlaq f'Jannar 2023. Dak hu altru milli żmien biżżejjed sabiex l-atturi jippreżentaw ir-rikors u jikkontestaw il-kumpens offrut, iktar u iktar meta tqis li l-atturi suppost għandhom interess li jitħallsu l-kumpens mingħajr iktar ħela ta' żmien.

20. L-appellant żied li ma kienx hemm ilment dwar it-terminu stabbilit fl-Artikolu 55 tal-Kap. 573. Ovvjament ma setax kien hemm ilment għaliex fid-data tal-preżentata tar-rikors promotur (25 ta' Novembru 2016), l-Att dwar Artijiet tal-Gvern ma kienx liġi. F'kull każ il-Qorti Ċivili, Prim'Awla għandha jedd tagħti rimedju li tqis li hu xieraq meta ssib ksur ta' dritt fundamentali. Għalkemm din il-Qorti ma taqbilx mal-ħtieġa li jingħata dak ir-rimedju lill-atturi, jibqa' l-fatt li peress li hu rimedju ma kienx hemm bżonn li l-atturi jagħmlu talba għalih.

21. Issa l-qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji tal-konvenuta l-Awtorita` tal-Artijiet.

22. L-ewwel aggravju hu dwar id-dikjarazzjoni tal-ewwel Qorti li seħħ ksur tal-jedd fundamentali taħt l-ewwel Artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:

i. Il-fatt li art tkun meħtieġa għal skop pubbliku ma jfissirx il l-Gvern għandu xi jedd li jaqbad u jieħu l-pussess tal-art u mbagħad xi darba fil-futur jiddeċiedi li jesproprja l-art.

ii. Għalkemm l-appellanti issostni li l-atturi ngħataw kumpens, kien biss wara li daħal fis-seħħ l-Att dwar l-Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) li sar l-esproprju u saret offerta dwar il-kumpens.

iii. Id-dikjarazzjoni ta' esproprijazzjoni li saret fil-gazzetta tal-gvern tat-12 ta' Jannar 2018 ma tirrimedjax għall-ksur tal-jedd fundamentali taħt l-Artikolu 1 tal-ewwel protokoll għall-perjodu minn Awwissu 1987 sal-11 ta' Jannar 2018.

23. Għaldaqstant tiċħad l-ewwel aggravju.

24. It-tieni aggravju hu li l-atturi kellhom jipproċedu permezz ta' rikors quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ. Ilment li hu fieragħ meta tqis li din hi kawża kostituzzjonali fejn l-ewwel Qorti sabet ksur tal-jedd fundamentali tal-atturi protett taħt l-Artikolu 1 tal-ewwel protokoll u tathom kumpens għad-

dewmien ta' iktar minn tletin sena sakemm sar esproprju. Materji li ma kinux jaqgħu fil-kompetenza tal-Bord tal-Arbitraġġ. Dan apparti li l-proċedura kontemplata fl-Artikolu 55 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) daħal fis-seħħ fil-25 ta' April 2017, jiġifieri ħafna snin wara li l-Gvern ħa l-pussess tal-art meritu tal-kawża u fil-mori ta' din il-kawża.

25. It-tielet aggravju jitratta l-ilment tal-appellanti li l-kumpens likwidat mill-ewwel Qorti hu eċċessiv filwaqt li r-raba' aggravju l-ilment li l-ewwel Qorti żbaljat meta estendiet iż-żmien sabiex l-atturi jippreżentaw kawża quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ. F'dan ir-rigward il-qorti m'għandha xejn x'iżżid ma' dak li diġa` qalet fir-rigward tat-tieni u tielet aggravji tal-appell tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol u taddotta l-istess raġunament u deċiżjoni.

Għal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq tilqa' t-tieni u t-tielet aggravji tal-appellant Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol kif ukoll t-tielet u raba' aggravji tal-Awtoritajiet tal-Artijiet, u tiċħad il-kumplament tal-aggravji tal-istess appellanti. Tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tas-16 ta' Ġunju 2020 billi:

1. Tnaqqas is-somma ta' kumpens dovuta lill-atturi għas-somma ta' ħmistax-il elf euro (€15,000).

2. Tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ddeċidiet li t-terminu ta ħames snin stabbilit fl-Artikolu 55(3) tal-Kap. 573, jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

3. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

4. Spejjeż tal-ewwel sentenza jibqgħu kif inhuma filwaqt li l-ispejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal 10% a karigu tal-atturi u 90% a karigu tal-konvenuti.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
rm